

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Bohr u L. Vernier, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Settembru 2018 li tiċħad it-talba għar-rikuża tat-tabib A, tabib innominat mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-Kumitat Mediku stabbilit fil-kuntest ta' talba għar-rikonoxximent tal-aggravazzjoni ta' marda kkaġunata mix-xogħol imressqa mir-rikorrent, u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu li r-rikorrent allegatament ġarrab.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Arnaldo Lucaccioni huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 295, 2.9.2019.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Marzu 2020 – Helsingin Bussiliikenne vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-603/19 R)

(“Miżuri provviżorji – Għajnuna mill-Istat – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-sug intern u li tordna l-irkupru tagħha – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta' urġenza”)

(2020/C 175/36)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Partijiet

Rikorrenti: Helsingin Bussiliikenne Oy (Helsinki, il-Finlandja) (rappreżentanti: O. Hyvönen u N. Rosenlund, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Huttunen u F. Tomat, aġenti)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrent: Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: J. Heliskoski, aġent)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 3152 final tat-28 ta' Ġunju 2019 dwar l-allegata għajnuna mill-Istat SA.33846 (2015/C) (ex 2014/NN) (ex 2011/CP) mogħtija mir-Repubblika tal-Finlandja lir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għal intervent ta' Nobina Oy u ta' Nobina AB kif ukoll fuq it-talba għal trattament kunfidenzjali tal-Kummissjoni Ewropea.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati, minbarra dawk sostnuti minn Nobina Oy u Nobina AB, li għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom marbuta mat-talba għal intervent tagħhom fil-proċedura għal miżuri provviżorji.